MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta tas-27 ta' Jannar, 2012

Talba Numru. 811/2011

**GO PLC – C22334**

**vs**

**Justin Maria Aquilina – ID-416181-(M)**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba tas-socjeta` attrici li permezz taghha talab illi l-konvenuta ghandha thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' hames mija tnejn u erbghin ewro u hamsa u hamsin centezmu (€542.55c) skont prospett hawn anness u mmarkat Dok "A", liema ammont huwa dovuti in konnsessjoni mas-servizzi tat-televizjoni numru tal-kont A/C80021422 moghti mis-socjeta` attrici u dan kif ser jigi appruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza.

Illi l-konvenuta giet interpellata sabiex thallas izda baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenuta li minn issa hija ngunta in subizzjoni.

Ra illi l-konvenuta debitament notifikata pprezentat nota ta’ ammissjoni datata 25 ta’ Jannar 2011 li permezz taghha ammettiet it-talbiet tas-socjeta` attrici kif dedotti kontriha.

Ghaldaqstant it-Tribunal jilqa’ it-talba tas-socjeta` attrici u jikkundanna lill-konvenuta thallas lill-istess socjeta` attrici s-somma ta’ hames mija tnejn u erbghin ewro u hamsa u hamsin centezmu (€542.55c) bl-imghax kif mitluba.

Bl-ispejjez ikunu akkarigu ta’ l-istess konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------